

**MT**

**MT**

**MT**



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 30.5.2005  
KUMM(2005) 209 finali

2005/0102 (COD)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li tistabbilixxi azzjoni komunitarja għall-avveniment tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura  
għas-snin 2007 sa 2019**

(preżentata mill-Kummissjoni)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. INTRODUEZZJONI

Il-Belt Ewropea tal-Kultura tnediet mill-Kunsill tal-Ministri fit-13 ta' Ġunju 1985. Sa l-2004, l-Ibriet Ewropej tal-Kultura ntgħażlu fuq bażi intergovernamentali fejn l-Istati Membri jagħżlu b'mod unanimu b'liet li kien ħaqqhom jospitaw l-avveniment.

Id-Deċiżjoni 1419/1999/KE<sup>1</sup> adottata fuq il-bażi ta' l-Artikolu 151 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, emendat il-proċedura għall-għażla ta' l-ibriet mill-2005 'il quddiem, magħrufa bħala "Il-Kapitali Ewropej tal-Kultura" (KETK – European Capitals of Culture - ECOC). Il-KETK issa tiġi deċiża mill-Kunsill fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, li tqis l-opinjoni ta' guriya ta' seba' membri indipendenti. L-għażla hija msejjsa fuq kriterji stabbiliti bid-Deċiżjoni ta' hawn fuq. Din id-Deċiżjoni tinkludi lista ta' Stati Membri ta' l-EUR-15 (Anness 1) li tistabbilixxi l-ordni kronoloġika ta' dritt mill-2005 sa l-2019<sup>2</sup>

L-għaxar Stati Membri l-ġodda, li daħlu fl-UE fl-1 ta' Mejju 2004, ma tniżżlux f'din il-lista. Il-Kummissjoni, għalhekk, bagħtet proposta biex temenda d-Deċiżjoni 1419/1999/KE f'Novembru ta' l-2003 biex l-Istati Membri l-ġodda jkunu jistgħu jipproponu KETK mill-2009. Din il-proposta ġiet adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fit-13 ta' April ta' l-2005. Bħala riżultat ta' dan, mill-2009 'il quddiem, se jkun hemm żewġ Kapitali Ewropej tal-Kultura kull sena ( waħda mill-EUR-15, waħda mill-Istati Membri l-ġodda).

### 2. ĦTIEĠA TA' REVIŻJONI TAD-DEĊIŻJONI KURRENTI

#### 2.1. Titjib meħtieġ skond l-esperjenza u l-konsultazzjoni tal-partijiet interessati

Il-Kummissjoni niedet studju<sup>3</sup> (minn hawn 'il quddiem: studju KETK) li jikkonferma li l-azzjoni KETK kollox ma' kollox hija meqjusa b'mod pożittiv ħafna mill-pubbliku b'mod ġenerali. Madankollu, l-implimentazzjoni tal-proċess ta' ħatra, kif stabbilit fid-Deċiżjoni 1419/1999, kixfet għadd ta' nuqqasijiet, b'mod partikolari fir-rigward ta':

- il-kompetizzjoni bejn l-ibriet;
- ir-rwol tal-bord ta' għażla
- il-kwistjoni tas-sorveljanza
- id-dimensjoni Ewropea
- il-kwistjoni tal-ħin
- il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi.

Ir-rapporti ta' valutazzjoni tal-bordijiet ta' għażla, il-Kumitat għal kultura, zgħażaġh, edukazzjoni, mezzi tax-xandir u sport tal-Parlament Ewropew fir-rapport tiegħu ta' l-ewwel qari tad-deċiżjoni modifikata, kif ukoll l-istudju KETK ikkonfermaw dawn in-nuqqasijiet. Għalhekk, il-proposta preżenti, ibbażata fuq diversi kontributi, għandha l-għan li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 1419/1999 kif emendata fit-13 ta' April 2005. Għandha wkoll l-

<sup>1</sup> Deċiżjoni 1419/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 (ĠU L 166, 1.7.1999). [http://www.europa.eu.int/eur-lex/pri/en/oj/dat/1999/1\\_166/1\\_16619990701en00010005.pdf](http://www.europa.eu.int/eur-lex/pri/en/oj/dat/1999/1_166/1_16619990701en00010005.pdf)

<sup>2</sup> Tibda l-Irlanda fl-2005 u warajha l-Greċja fl-2006.

<sup>3</sup> *Studju dwar Bliet u Kapitali Ewropej tal-Kultura u x-Xhur Kulturali Ewropej (1995-2004)* (Palmer-Rae Associates August 2004)  
[http://www.europa.eu.int/comm/culture/eac/sources\\_info/studies/capitals\\_en.html](http://www.europa.eu.int/comm/culture/eac/sources_info/studies/capitals_en.html)

għan li ttejjeb, fost l-oħrajn it-trasparenza tal-proċess ta' għażla u d-definizzjoni tal-valur miżjud Ewropew.

## **2.2. Il-punti prinċipali tal-Proposta**

### **A) It-tiżhijiet ta' l-element ta' kompetizzjoni**

Wara konsiderazzjoni bir-reqqa ta' diversi mudelli ta' kompetizzjoni, il-Kummissjoni:

- warrbet l-idea ta' **kompetizzjoni miftuħa għal kollox**, ma' l-Ewropa kollha, bil-possibbiltà ta' kwalunkwe belt Ewropea li tista' tiġi nominata. Sistema bħal din tkun teħtieġ, kull sena, rizzorsi konsiderevoli u bla proporzjon fil-Kummissjoni, il-bordijiet ta' għażla u l-Istati Membri. Barra minn hekk ma tagħtix garanzija ta' rotazzjoni bejn l-Istati Membri.

- qatgħet barra sistema ta' **kompetizzjoni limitata** li timponi ta' **l-inqas żewġ proposti** għal kull Stat Membru; din is-sistema m'offrit l-ebda garanzija ta' dimensjoni Ewropea aktar b'saħħitha ta' l-avvenimenti KETK. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu ma jkunux f'pożizzjoni li jippreżentaw minimu ta' żewġ proposti.

Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni għażlet sistema li tteġġeg lill-Istati Membri jorganizzaw **kompetizzjoni fuq livell nazzjonali** bejn l-ibliet interessati.

### **B) Ir-rwol tal-bord ta' għażla**

Il-Kummissjoni tipproponi li tistabbilixxi **bord "mħallat" ta' għażla** li jikkonsisti f'7 esperti maħtura mill-Istituzzjonijiet Ewropej, fejn wieħed minnhom jieħu l-Prezidenza, u 6 esperti maħtura mill-Istat Membru kkonċernat, bi ftehim mal-Kummissjoni. Is-7 esperti għandhom jinħatru wara xulxin għal 3 snin mill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u l-Kumitat tar-Reġjuni skond il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 5(3) ta' din il-proposta. Il-kompożizzjoni ġenerali tal-bord għandha tiżgura li jkun hemm bilanċ xieraq bejn l-interessi lokali u nazzjonali u tigarantixxi d-dimensjoni "Ewropea" qabel id-deċizzjoni ta' għażla nazzjonali.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jniedi sejħa biex jintbagħtu applikazzjonijiet 6 snin qabel ma jkun se jibda l-avveniment, u jorganizza jum ta' informazzjoni għall-kandidati potenzjali.

Il-bord ta' għażla għandu jiltaqa' 5 snin qabel l-avveniment biex jilħaq ftehim dwar lista qasira ta' kandidati. Għandu jħejji rapport dwar il-programmi tal-kandidati u jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-kandidati magħżula fil-lista l-qasira. Ir-rapport għandu jitressaq lill-Istat Membru kkonċernat u lill-Kummissjoni.

Il-bord għandu jiltaqa' 9 xhur wara l-ewwel laqgħa ta' għażla biex iħejji rapport dwar il-programmi tal-kandidati fil-lista l-qasira, u fuq din il-bażi, jirrakkomanda belt għan-nomina ta' KETK. Ir-rapport għandu wkoll ikun fih rakkomandazzjonijiet lill-belt magħżula. Għandu jitressaq lill-Istat Membru kkonċernat u lill-Kummissjoni.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jibgħat avviż b'nomina waħda 4 snin qabel ma jkun se jibda l-avveniment. Il-Parlament Ewropew jista' jwassal opinjoni lill-Kummissjoni fi żmien ix-xahrejn li jmiss. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tagħmel Rakkomandazzjoni lill-Kunsill. Il-Kunsill umbagħad jaħtar il-belt.

### C) Sorveljanza mill- "Bord Ewropew ta' Sorveljanza"

Il-Kummissjoni tipproponi li tistabbilixxi "Bord Ewropew ta' Sorveljanza" (BES - European Monitoring Panel - EMP) għall-perjodu ta' wara n-nomina tal-KETK sal-bidu ta' l-avveniment. Dan jagħti attenzjoni partikolari lid-dimensjoni Ewropea tal-programm u jikkontribwixxi, fejn ikun meħtieġ, biex jiżgura l-valur miżjud Ewropew tal-programm.

Dan il-bord Ewropew ta' sorveljanza se jkun magħmul mis-7 membri biss tal-bord ta' għażla nnominat, wieħed wara l-ieħor kif spjegat f' 2.2.B, mill-Istituzzjonijiet Ewropej. Il-BES għandu jipprovdi l-ibliet b'appoġġ u gwida fit-tfassil addizzjonali tal-programm tagħhom:

- Sentejn qabel ma jkun wasal biex jibda l-avveniment, il-BES għandu jwettaq sorveljanza ta' nofs is-sena fuq il-proġett u l-programm taż-żewġ ibliet dwar il-qagħda fit-tħejjija tiegħu kif ukoll id-dimensjoni Ewropea.

- Mhux aktar tard minn sitt xhur qabel l-avveniment, il-BES għandhom jerġgħu jiltaqgħu ma' l-awtoritajiet tal-KETK maħtura biex jaraw u jevalwaw ix-xogħol ta' tħejjija li jkun sar u l-passi li jkun meħtieġ li jittieħdu. Il-BES għandu mbagħhad jōhroġ rapport finali ta' sorveljanza, mhux aktar tard minn xahar wara l-laqgħa finali.

Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tista' tippremja l-ibliet maħtura, sakemm l-awtoritajiet tagħhom issodisfaw l-impenji magħmula matul il-fażi ta' l-għażla u wiegħbu b'mod xieraq għar-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-bordijiet matul il-fażi ta' għażla u sorveljanza.

### D) Dimensjoni Ewropea – kriterji ta' għażla

Il-programm KETK ta' attivitajiet għandu jinkludi avvenimenti/azzjonijiet li jenfażizzaw id-dimensjoni Ewropea u joffru valur miżjud Ewropew. L-aspetti li ġejjin għandhom jiġu enfażizzati:

- dimensjoni Ewropea, li għandha trawwem kooperazzjoni multilaterali bejn l-operaturi kulturali fil-livelli kollha, tenfażizza r-rikkezza tad-diversità kulturali u tagħti prominenza lill-aspetti komuni tal-kulturi Ewropej;

- dimensjoni ta' ċittadinanza, li għandha tgħolli l-interess taċ-ċittadini li jgħixu fil-belt u minn pajjiżi oħra u jkunu parti integrali mill-iżvilupp kulturali tal-belt fuq medda twila ta' żmien.

### E) Kalendarju

L-esperjenza ta' l-imġhoddi u l-istudju KETK jikkonfermaw li ż-żmien għall-ippjanar ġenerali jeħtieġ li jitwal. Il-proċess ta' għażla għandu jibda sitt snin qabel ma jkun wasal biex jibda l-avveniment (l-ewwel għażla / għażla / nomina). Il-Kunsill għandu jkun f'pożizzjoni li jaħtar l-erba' snin tal-KETK qabel l-avveniment.

### F) Il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi.

Fuq il-bażi ta' l-istudju KETK, il-Kummissjoni tipproponi massimu ta' żewġ KETK kull sena. Din l-istrateġija hija konformi mad-Deċiżjoni ta' Marzu 2005 li tintegra l-Istati Membri ġodda.

Aktar minn żewġ KETKs fis-sena tagħmel ħsara lill-avveniment f'għajn in-nies. Għalhekk, ir-referenza għan-nomina ta' KETK minn pajjiżi terzi twaqqat. Minflok, is-suċċess ta' l-inizjattiva "xahar kulturali" li kienet teżisti għall-pajjiżi terzi sa l-2003 jista' jissokta. Id-diskussjonijiet dwar din il-possibbiltà għandhom iseħħu barra mill-kuntest tal-KETK.

### G) Konklużjoni

Bħala riżultat, il-Kapitali Ewropej tal-Kultura se jinħatru f'żewġ fażijiet, fuq il-bażi tal-valutazzjoni ta' bord magħmul minn esperti maħtura mill-Istituzzjonijiet u esperti maħtura

mill-Istat Membru kkonċernat. Bord ta' sorveljanza se jagħti appoġġ lill-ibliet maħtura fil-fażijiet ta' għom ta' tnejn sal-bidu ta' l-avveniment. Se jkun hemm premju għall-kwalità tal-programm (b'mod partikolari r-rilevanza tad-dimensjoni Ewropea) għal darbha jkun iffinalizzat.

Din l-iskema żżomm bilanċ tajjeb bejn il-prijoritajiet nazzjonali u lokali u l-valur miżjud Ewropew meħtieġ ta' l-azzjoni.

### **3. MIŻURI SEKONDARJI**

Il-bordijiet ta' għażla, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-istudju tal-KETK jagħmlu sejħa għal bosta miżuri sekondarji biex:

- ikun hemm titjib fit-trasparenza tal-proċess ta' għażla;
- jiġu ċċarati l-għanijiet u l-obiettivi ta' l-avveniment KETK;
- jiġu ċċarati l-kriterji ta' għażla;
- jiġi ddefinit il-kunċett ta' dimensjoni Ewropea;
- jkun hemm gwida għall-kandidati potenzjali.

Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni se tiżviluppa dokumentazzjoni rilevanti, inklużi speċifikazzjonijiet biex jintbagħtu nominazzjonijiet u r-rapporti uffiċjali marbuta magħhom. Dan il-materjal se jkun disponibbli elettronikament kemm jista' jkun malajr mis-sena 2006. Il-Kummissjoni se tippromwovi wkoll informazzjoni u skambju ta' esperjenza bejn il-KETKs.

### **4. RIŻORSI – SKADENZA TAL-VALIDITÀ TAD-DEĊIŻJONI**

#### **4.1. Riżorsi**

Din il-proposta m'għandiex implikazzjonijiet finanzjarji diretti. L-aspett finanzjarju marbut mal-KETKs huwa ttrattat fil-qafas tal-programmi Kultura 2000 u programmi futuri Kultura 2007. F'dan l-istadju, il-proposta tal-Kummissjoni għall-programm Kultura 2007 tippermetti sa tliet darbiet aktar mill-kontribuzzjoni tal-Komunità lil kull KETK individwali kif imqabbel mal-programm kurrenti.

#### **4.2 Data ta' applikazzjoni (perjodu tranżizzjonali)**

Din il-proposta preżenti, li tissostitwixxi u tirrevoka id-Deċiżjoni 1419/1999, se tapplika mill-2007. Tinkludi perjodu tranżizzjonali bejn iż-żewġ skemi sabiex ikunu koperti l-ibliet maħtura għall-2011 u 2012.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li tistabbilixxi azzjoni komunitarja għall-avveniment tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-snin 2007 sa 2019**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 151<sup>4</sup> tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni<sup>5</sup>

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni<sup>6</sup>

Huma u jaġixxu bi qbil mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat<sup>7</sup>,

Billi

- (1) Id-Deċiżjoni 1419/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>8</sup> stabbilit azzjoni Komunitarja għall-avveniment tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-snin 2005 sa 2019
- (2) Minn studju li sar tar-riżultati miksuba mill-avveniment tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura sa l-2004 jidher li kellu impatt pożittiv f'dak li huwa f'oss min-naħa tal-mexxi tax-xandir, bl-għażla li saret ta' l-iżvilupp tal-kultura u t-turiżmu u l-għarfien minn nies tal-post ta' l-importanza tal-belt tagħhom li nħatret. Madankollu din l-azzjoni teħtieġ titjib.
- (3) Il-partijiet interessati fl-avveniment enfażizzaw il-problemi fil-proċess ta' għażla stabbilit bid-Deċiżjoni 1419/1999/KE u rrakkmandaw sorveljanza tal-proposti, partikolarment biex itejbu d-dimensjoni Ewropea tagħhom.
- (4) L-importanza u l-impatt tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura titlob għall-ħolqien ta' proċess ta' għażla mħallta, li jinvolvi livelli nazzjonali u Ewropej, u l-introduzzjoni ta' element qawwi ta' sorveljanza.
- (5) Il-fażi ta' tnejn ta' l-avveniment hija ta' importanza kruċjali biex jinkiseb suċċess skond l-għanijiet ta' l-azzjoni.
- (6) Fażi ta' sorveljanza wara l-ħatra tinħtieġ biex tiggarrantixxi l-valur miżjud Ewropew ta' l-azzjoni.
- (7) Huwa importanti li tkun apprezzata l-kwalità tal-programm f'termini ta' għanijiet u kriterji ta' l-azzjoni u b'mod partikolari l-valur miżjud Ewropew billi jingħata premju.

---

<sup>4</sup> ĠU C 325, 24.12.2002, p.99.

<sup>5</sup> ĠU .

<sup>6</sup> ĠU .

<sup>7</sup> ĠU C 325,24.12.2002, p.133

<sup>8</sup> ĠU L 166, 1.7.1999, p.1. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 649/2005/EC(OJ L 117, 4.5.2005, p.20)

- (8) Il-proċess ta' ħatra stabbilit f'din id-Deċiżjoni jeħtiegħ perjodu ta' sitt snin biex jiġi implimentat; dan il-perjodu ma jistax jiġi ggarantit għas-snin 2011 u 2012 peress li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-2007. Għal dawn is-snin hemm stipulat proċess ta' ħatra, kif stabbilit fid-Deċiżjoni 1419/1999/KE kif emendata bid-Deċiżjoni 649/2005/KE.
- (9) Biex l-affarijiet ikunu aktar ċari, id-Deċiżjoni 1419/1999 għandha tiġi sostitwita b'din id-Deċiżjoni.

## IDDEĊIDEW KIF ĠEJ

### *Artikolu 1*

#### **Is-sugġett**

Azzjoni tal-Komunità msejġha “Kapitali Ewropea tal-Kultura” b'dan qed tiġi stabbilita biex tiġi enfazzata r-rikkezza u d-diversità tal-kulturi Ewropej u l-karatteristiċi komuni tagħhom, kif ukoll biex tippromwovi konossenza reċiproka akbar bejn iċ-ċittadini Ewropej.

### *Artikolu 2*

#### **Aċċess għall-azzjoni**

1. L-ibliet fl-Istati Membri għandhom ikunu intitolati li jinħatru bħala Kapitali Ewropej tal-Kultura għal sena, skond min imissu, kif stabbilit fil-lista ta' l-Anness.
2. Il-ħatra għandha tapplika għal belt waħda ta' kull wieħed mill-Istati Membri li jidhru fil-lista msemmija fil-paragrafu 1.

L-ordni kronoloġiku stabbilit f'din il-lista jista' jinbidel bi ftehim komuni bejn l-Istati Membri kkonċernati.

### *Artikolu 3*

#### **Applikazzjonijiet**

1. Kull applikazzjoni għandha tinkludi programm kulturali b'dimensjoni Ewropea, imsejjes prinċipalment fuq il-kooperazzjoni kulturali, b'konformità ma' l-għanijiet u l-azzjoni stipulati bl-Artikolu 151 tat-Trattat.
2. Il-programm kulturali ta' l-avveniment għandu jinholq b'mod speċifiku għas-sena tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura billi jenfazzizza l-valur miżjud Ewropew b'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 3.
3. Il-programm kulturali għandu jissodisfa dawn il-kriterji, miġbura f'żewġ kategoriji msejġha “Id-Dimensjoni Ewropea” u “Belt u Ċittadini”:

Fir-rigward ta' “Id-Dimensjoni Ewropea”, il-programm għandu:

- (a) jhegġegħ il-kooperazzjoni bejn l-operaturi kulturali, artisti u bliet minn Stati Membri oħra f'kull settur kulturali,
- (b) jenfazzizza r-rikkezza tad-diversità kulturali fl-Ewropa,
- (c) jagħti prominenza lill-aspetti komuni tal-kulturi Ewropej

Fir-rigward ta' “Belt u ċittadini”, il-programm għandu:



- (a) ikabbar l-interess taċ-ċittadini li jgħixu fil-belt u fil-viċinanzi tagħha kif ukoll taċ-ċittadini minn barra,
  - (b) jkun sostenibbli u jkun parti integrali ta' l-iżvilupp kulturali tal-belt fuq medda twila ta' żmien..
4. Il-programm għandu jieħu sena. F'każijiet ġustifikati b'mod xieraq l-ibliet maħtura jistgħu jiddeċiedu li jagħżlu perjodu aqsar.
- Għandha ssir rabta bejn il-programmi ta' l-ibliet maħtura ta' l-istess sena.
- L-ibliet jistgħu jagħżlu li jinvolvu r-reġjun fil-viċinanzi tagħhom fil-programm.

#### *Artikolu 4*

### **Jintbagħtu l-applikazzjonijiet**

1. Sejħa biex jintbagħtu l-applikazzjonijiet se tiġi ppubblikata minn kull wieħed mill-Istati Membri kkonċernati mhux aktar tard minn sitt snin qabel ma jingħata bidu lill-avveniment imsemmi.
- Dawn is-sejriet biex jintbagħtu l-applikazzjonijiet, immirati lejn l-ibliet kandidati għat-titlu, għandhom isemmu l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' din id-Deċiżjoni u fil-websajt tal-Kummissjoni.
- L-iskadenza biex tintbagħat proposta taħt kull waħda minn dawn is-sejriet biex jintbagħtu l-applikazzjonijiet għandha tkun skedata għal mhux aktar tard mill-għaxar sahar wara li tiġi ppubblikata.
- Il-proposti li jaslu taħt dawn is-sejriet għandhom jippreżentaw il-linji ġenerali tal-programmi li l-ibliet kandidati beħsiebhom iwettqu għal dik is-sena partikolari.
2. Il-proposti għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni mill-Istat Membru kkonċernat.

#### *Artikolu 5*

### **Il-Bord ta' Għażla**

1. Bord ta' għażla għandu jiġi stabbilit biex jiġu evalwati l-proposti ta' l-ibliet kandidati u biex jirrakkomanda l-ħatra ta' belt mill-Istat Membru kkonċernat.
  2. Il-bord ta' għażla għandu jikkonsisti fi 13-il membru. Il-membri jinħatru mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Kumitat tar-Regġuni u mill-Istat Membru kkonċernat kull sena. Għandu jagħżel il-President fost il-personalitajiet nominati mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Kumitat tar-Regġuni.
  3. Żewġ membri tal-bord għandhom jinħatru mill-Parlament Ewropew, tnejn mill-Kunsill, tnejn mill-Kummissjoni u wieħed mill-Kumitat tar-Regġuni.
- Dawn il-membri tal-bord ta' l-għażla għandhom ikunu esperti indipendenti mingħajr konflitti ta' interessi u b'esperjenza sostanzjali u kompetenza fis-settur kulturali, fl-iżvilupp kulturali ta' l-ibliet jew f'xi organizzazzjoni tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura.
- Għandhom jiġu nnominati għal tliet snin.

B'deroga ta' l-ewwel subparagrafu fl-ewwel sena li fiha din id-Deċiżjoni tkun fis-seħħ, żewġ esperti għandhom jinħatru mill-Kummissjoni għal sena, tnejn mill-Parlament Ewropew għal sentejn, tnejn mill-Kunsill għal tliet snin u wieħed mill-Kumitat tar-Regġuni għal tliet snin.

4. Kull wieħed mill-Istati Membri kkonċernati għandu jinnomina sitt personalitajiet bħala membri bi ftehim mal-Kummissjoni, li għandhom ikunu indipendenti mill-ibliet li applikaw għas-sejħa biex jintbagħtu l-applikazzjonijiet.

Dawn il-membri tal-bord ta' l-għażla għandhom ikunu esperti indipendenti mingħajr konflitti ta' interess u b'esperjenza sostanzjali u kompetenza fis-settur kulturali jew fl-iżvilupp ta' l-ibliet.

#### *Artikolu 6*

##### **L-ewwel għażla**

1. Kull wieħed mill-Istati Membri kkonċernati għandu jlaqqa' l-bord rilevanti ta' għażla kif stipulat fl-Artikolu 5 mhux aktar tard minn ħames snin qabel ma jkun wasal biex jibda l-avveniment.
2. Kull wieħed mill-bordijiet ta' għażla għandu jivvaluta l-proposti ta' l-ibliet li applikaw għal kull sejħa biex jintbagħtu l-applikazzjonijiet filwaqt li jivvaluta l-proposti tagħhom skond il-kriterji stipulati fl-Artikolu 3.

Għandu jilħaq ftehim dwar lista qasira ta' kandidati li għandhom ikomplu jitqiesu u joħroġ rapport dwar il-proposti ta' l-ibliet kandidati u r-rakkomandazzjonijiet lill-kandidati li jintgħażlu fil-lista l-qasira.

Għandu jippreżenta r-rapport tiegħu lill-Istat Membru kompetenti u lill-Kummissjoni.

#### *Artikolu 7*

##### **L-għażla finali**

1. L-ibliet fil-lista l-qasira għandhom jimlew il-proposta u jibagħtu t-talba mimlija lill-Istati Membri kkonċernati, li mbagħad għandhom jibagħtuha lill-Kummissjoni.
2. Kull wieħed mill-Istati Membri kkonċernati għandu jlaqqa' l-bord rilevanti ta' għażla, għall-għażla finali, disa' xhur wara l-ewwel laqgħa ta' għażla.

Għandu jevalwa l-programmi emendati ta' l-ibliet fil-lista l-qasira skond il-kriterji ta' din l-azzjoni u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-bord matul il-laqgħa ta' l-ewwel għażla.

Għandu joħroġ rapport dwar il-programmi tal-kandidati diġà magħżula flimkien ma' rakkomandazzjoni għan-nomina ta' belt biex tkun il-Kapitali Ewropea tal-Kultura.

Ir-rapport għandu jkollu wkoll rakkomandazzjonijiet lill-belt magħżula li jirrigwardaw il-progress u l-iżvilupp li għandu jinkiseb sat-tali sena, jekk tinħatar bħala l-Kapitali Ewropea tal-Kultura mill-Kunsill.

Ir-rapport għandu jitressaq lill-Istat Membru kkonċernat u lill-Kummissjoni. Għandu jiġi ppubblikat fuq il-websajt tal-Kummissjoni.

## *Artikolu 8*

### **Il-ħatra**

1. Kull wieħed mill-Istati Membri kkonċernati għandu jinnomina belt waħda għall-Kapitali Ewropea tal-Kultura u jibgħat jgħid liema hi lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Kumitat tar-Reġjuni, mhux aktar tard minn erba' snin qabel ma' jkun se jibda l-avveniment.

Man-nomina għandu jkun hemm meħmuż ġustifikazzjoni għad-deċiżjoni bbażata fuq ir-rapporti tal-bord ta' għażla.

In-nomina għandha tqis ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-bord ta' għażla.

2. Il-Parlament Ewropew jista' jwassal fehma lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn xahrejn wara li jaslu n-nomini ta' l-Istati Membri kkonċernati.

Il-Kunsill, hu u jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni magħmula fid-dawl ta' l-opinjoni tal-Parlament Ewropew u l-ġustifikazzjonijiet imsejsa fuq ir-rapporti tal-bordijiet ta' għażla, għandu jaħtar uffiċjalment l-ibliet imsemmija bħala Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-sena li għaliha ġew nominati.

## *Artikolu 9*

### **Sorveljanza ta' nofs is-sena**

1. L-ibliet Kapitali tal-Kultura maħtura għandhom joħorġu rapport ta' nofs is-sena lill-Kummissjoni, mhux aktar tard minn 27 xahar qabel il-ftuħ ta' l-avveniment, dwar il-progress fit-tnejjiet tal-programm ta' l-avveniment.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jkun hemm evalwazzjoni indipendenti ta' dan ir-rapport.

2. Mhux aktar tard minn 24 xhar qabel il-ftuħ ta' l-avveniment, il-Kummissjoni għandha tlaqqa' s-seba' esperti nominati mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programmi ta' l-ibliet maħtura bħala Kapitali Ewropej tal-Kultura.

Minn dan l-istadju 'l quddiem dawn l-esperti jiffurmaw "bord ta' sorveljanza".

Għandhom jiltaqgħu biex jevalwaw it-tnejjija ta' l-avveniment, b'mod partikolari dwar dak li għandu x'jaqsam mal-valur miżjud Ewropew tal-programmi.

Il-bord ta' sorveljanza għandu joħroġ rapport ta' sorveljanza ta' nofs is-sena dwar l-istat tat-tnejjiet għall-avveniment, u l-passi li għad iridu jittieħdu, skond l-għanijiet u l-kriterji ta' l-azzjoni u r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fir-rapporti tal-bordijiet ta' għażla msemmija fl-Artikolu 7(2).

Ir-rapport ta' sorveljanza ta' nofs is-sena għandu jasal għand il-Kummissjoni u l-ibliet u l-Istati Membri kkonċernati mhux aktar tard minn xahar wara l-laqgħa ta' sorveljanza ta' nofs is-sena. Għandu jiġi ppubblikat fuq il-websajt tal-Kummissjoni.

## *Artikolu 10*

### **Sorveljanza finali**

1. L-ibliet Kapitali tal-Kultura nnominati għandhom joħorġu rapport finali lill-Kummissjoni, mhux aktar tard minn disa' xhur qabel il-ftuħ ta' l-avveniment, dwar il-progress fit-tnejjiet tal-programmi ta' l-avveniment. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jkun hemm evalwazzjoni indipendenti ta' dan ir-rapport.

2. Il-Kummissjoni għandha ssejjaħ laqgħa tal-bord ta' sorveljanza ma' l-awtoritajiet responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programmi ta' l-ibliet li ġew maħtura bħala Kapitali Ewropej tal-Kultura mhux aktar tard minn sitt xhur qabel il-ftuħ ta' l-avveniment sabiex tevalwa t-tnejjija ta' l-avveniment, b'mod partikolari dak li jirrigwarda l-valur miżjud Ewropew tal-programm.

Il-bord ta' sorveljanza għandu joħroġ rapport ta' sorveljanza finali dwar l-istat tat-tnejjiet għall-avveniment, u l-passi li għad iridu jittieħdu, skond l-għanijiet u l-kriterji ta' l-azzjoni u r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fir-rapporti tal-bordijiet imsemmija fl-Artikolu 7(2) it-tielet sub-paragrafu u fl-Artikolu 9(2), ir-raba' subparagrafu.

Ir-rapport ta' sorveljanza finali għandu jasal għand il-Kummissjoni u l-ibliet u l-Istati Membri kkonċernati mhux aktar tard minn xahar wara l-laqgħa finali ta' sorveljanza. Għandu jiġi ppubblikat fuq il-websajt tal-Kummissjoni.

## *Artikolu 11*

### **Il-premjju**

Fuq il-bażi tar-rapport imsemmi fl-Artikolu 10(2), it-tieni subparagrafu, il-Kummissjoni tista' tippremja kull waħda mill-ibliet maħtura sakemm il-programmi tagħhom jissoddifaw il-kriterji ta' l-azzjoni u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-bordijiet matul il-proċess ta' għażla u sorveljanza kif imsemmija fl-Artikoli 9 u 10. Dan il-premjju għandu jippremja l-kwalità tal-programm skond l-għanijiet tal-programm kif speċifikat fl-Artikolu 3.

## *Artikolu 12*

### **L-evalwazzjoni**

Kull sena l-Kummissjoni għandha tiżgura li jkun hemm evalwazzjoni indipendenti u esterna tar-riżultati ta' l-avveniment tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura tas-sena ta' qabel skond l-għanijiet u l-kriterji ta' l-azzjoni stipulati f'din id-Deċiżjoni.

Rapport ta' din l-evalwazzjoni għandu jitressaq mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kumitat tar-Regġuni.

## *Artikolu 13*

### **Ir-revoka**

Id-Deċiżjoni 1419/1999/KE kif modifikata bid-Deċiżjoni 649/2005/KE hija b'dan irrevokata.

## *Artikolu 14*

### **Dispożizzjonijiet tranżizzjonali**

1. L-ibliet maħtura bħala Kapitali Ewropej tal-Kultura għall-2010 fuq il-bażi tad-Deċiżjoni 1419/1999/KE kif modifikata bid-Deċiżjoni 649/2005/KE għandhom jiġu sottomessi għall-proċess ta' sorveljanza stipulat fl-Artikoli 9 u 10 ta' din id-Deċiżjoni. Il-Kummissjoni tista' tagħti premju lill-ibliet maħtura fuq il-bażi ta' l-Artikolu 11 ta' din id-Deċiżjoni.
2. Bħala deroga mill-Artikoli 4 sa 8, in-nominazzjonijiet għall-Ibliet Kapitali Ewropej tal-Kultura li jirrigwardaw is-snin 2011 u 2012 għandhom jiġu regolati mill-proċedura ta' deċiżjoni li ġejja:
  - 1) L-ibliet fl-Istati Membri għandhom jinħatru bħala Kapitali Ewropej tal-Kultura, waħda wara l-oħra, kif elenkat fl-Anness.
  - 2) Kull Stat Membru għandu jibgħat, wieħed wara l-ieħor, in-nomina ta' belt waħda jew aktar lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Kumitat tar-Regġuni.
  - 3) Din in-nomina għandha tintbagħat mhux aktar tard minn erba' snin qabel il-ftuħ ta' l-avveniment imsemmi u magħha jista' jkun hemm meħmuża rakkomandazzjoni mill-Istat Membru kkonċernat.
  - 4) Il-Kummissjoni għandha kull sena tgħaqqad bord ta' għażla li għandu joħroġ rapport dwar in-nomina jew in-nominazzjonijiet li jkunu ġew iġġudikati kontra l-għanijiet jew il-karatteristiċi ta' din l-azzjoni.

- 5) Il-bord ta' għażla għandu jkun magħmul minn seba' personalitajiet minn ta' quddiem indipendenti li jkunu esperti fuq is-settur kulturali, tnejn minnhom maħtura mill-Parlament Ewropew, tnejn mill-Kunsill, tnejn mill-Kummissjoni u wieħed mill-Kumitat tar-Reġjuni.
- 6) Il-bord ta' għażla għandu jippreżenta r-rapport tiegħu lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- 7) Il-Parlament Ewropew jista' jwassal fehma lill-Kummissjoni dwar in-nomina jew in-nominazzjonijiet mhux aktar tard minn tliet xhur wara li jasal ir-rapport.
- 8) Il-Kunsill, hu u jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni magħmula fid-dawl ta' l-opinjoni tal-Parlament Ewropew u r-rapport tal-bord ta' għażla, għandu jaħtar uffiċjalment il-belt ikkonċernata bħala Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-sena li għaliha ġiet innominata.
- 9) In-nomina għandha tinkludi programm kulturali imsejjes fuq il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3.

*Artikolu 15*

**Id-dħul fis-seħħ**

Din id-Deċizzjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Data u post

*Għall-Parlament Ewropew*  
*The President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

ANNEX

**L-ordni li tagħti dritt li wieħed jinnomina “Kapitali Ewropea tal-Kultura”**

2007	Il-Lussemburgu	
2008	Ir-Renju Unit	
2009	L-Awstrija	Il-Litwanja
2010	Il-Ġermanja	L-Ungerija
2011	Il-Finlandja	L-Estonja
2012	Il-Portugall	Is-Slovenja
2013	Franza	Is-Slovakja
2014	L-Iżvezja	Il-Latvja
2015	Il-Belġju	Ir-Repubblika Ċeka
2016	Spanja	Il-Polonja
2017	Id-Danimarka	Ċipru
2018	L-Olanda	Malta
2019	L-Italja	